MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 437/2005

**Citadel Insurance plc (C 21550) kif surrogate fid-drittijiet tal-assikurat taghha Tessie Micallef u l-istess Tessie Micallef (ID 130469m)**
**Vs**
**Ivan Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta Frar 2005 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u sitta u ghoxrin lira tnejn u erbghin centezmu (Lm326.42) rapprezentanti valur ta danni kagonati fil-vettura proprjeta tal-attrici Tessie MIcallef f'incident stradali li sehh fid-29 ta Marzu 2004 gewwa l-Gudja minnhabba sewqan negligenti da parti tal-konvenut li kien qed isuq il-vettura numru ABF 532.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali datata 24 ta Gunju 2004 u ta ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz a tenur tal-Kap 104 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficcjali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 21 ta Marzu 2005 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens li huwa ma kienx unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni pero se mai ir-responsabbilita u kundanna ghal hlas tal-eventwali danni ghandha tigi sopportata f'sehem ugwali bejn iz-zewg sewwieqa.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti fosthom ir-ritratti u l-iskizz imhejji mill-warden.

Gie notat ukoll li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-valur tad-danni rikjesti.

Ikkunsidra.

Illi mir-rapport tal-warden involut jidher li l-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa hija kontrastanti fis-sens illi filwaqt li l-attrici tallega li hija kienet wieqfa u kien il-konvenut li rriversja go fiha, l-konvenut jinsisti li kienet l-istess attrici li baqghet diehla go fih meta huwa kien qieghed jirriversja ftit biex jiddritta u l-attrici dahlet fit-trieq mill-parti tat-trieq mnejn suppost tohrog u laqtitu. Il-warden li kkonfermat dan ir-rapport ighid li kienet il-vettura tal-konvenut li mxiet 'il quddiem zewg metri bid-daqqa u mhux dik tal-attrici li mxiet lura bid-daqqa ghalkemm fix-xhieda taghha l-attrici tghid li kienet hi li mxiet lura zewg metri bid-daqqa. Fuq mistoqsija tat-Tribunal l-attrici tghid li hija kienet gejja mit-trieq li tigi faccata ta triq it-Torri qabel ma daret ghal triq Castagna b'riferenza ghal Dok SC3.

Il-konvenut ighid li l-impatt sehh il-ghaliex l-attrici dahlet fi triq Castagna fuq il-karreggjata hazina tat-triq. Jinghad li jekk dan huwa minnu, allura anke hu kien fuq il-karreggjata hazina tat-trieq ghax kif daret sabet lilu ma wiccha. Pero minn ezami tal-iskizz u tal-qisien hemm imnizzla din l-allegazzjoni ma tirrizultax il-ghaliex jidher li z-zewg vetturi involuti kienu aktar pjuttost lejn ix-xellug tat-trieq. Dan jidher ukoll aktar car fir-rough sketch esebit mad-dokumenti Dok  SC2.

Ta min jinnota pero li l-konvenut ikkonferma li sema l-attrici ddoqqlu l-horn kif minnha allegat u kif ukoll li l-impatt sehh meta huwa kien ghadu fil-process li jaghmel manuvra ta reverse. Jikkonferma wkoll li kien hu li pprova jevita l-impatt billi dawwar l-isteering bil-kontra pero ma rnexxielux. Il-ghala l-konvenut ma ghafasx il-brake mill-ewwel meta lemah l-attrici minnflok dawwar l-isteering u kompla jirriversja huwa nuqqas li jrid iwiegeb ghalih. Huwa jghid li ma jaqbilx mal-iskizz tal-warden u ghalhekk ipprezenta iehor maghmul minnu markat Dok IC1, liema skizz pero t-Tribunal ihoss li ma jitfa ebda dawl ulterjuri fuq ir-responsabbilita o meno tas-sewwieq rispettivi.

Illi in vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ghandu jigi tenut unikament reponsabbli tal-incident in kwistjoni stante li huwa naqas li jaghmel il-manuvra ta reverse bid-diligenza adatta rikjesta mill-ligi u inoltre kompla ghaddej b'din il-manuvra nonostante li ra lill-attrici gejja fid-direzzjoni tieghu u inoltre huwa baqa diehel go fiha da parti taghha l-attrici waqfet u paqpqitlu l-horn taghha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli tal-incident stradali in kwistjoni, jghaddi biex jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif rikjesta fl-ammont ta tliet mija sitta u ghoxrin lira tnejn u erbghin centezmu (Lm326.42) bl-imghax legali dekorribbli mill-24 ta Gunju 2004 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------